Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/2261(INI)

9.7.2026

EMENDI
1 - 101

Abbozz ta' rapport
Pierre Pimpie
(PE788.867v01-00)

Il-mekkaniżmu tar-reverse charge tal-VAT
(2025/2261(INI))

Emenda 1
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudju intitolat "The implementation and impact of the VAT reverse charge mechanism in the EU" (L-implimentazzjoni u l-impatt tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tal-VAT fl-UE)[7a], ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għas-Servizzi ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew f'Ġunju 2026,
	[7a] Studju — "The implementation and impact of the VAT reverse charge mechanism in the EU" (L-implimentazzjoni u l-impatt tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tal-VAT fl-UE) - https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2026/774719/EPRS_STU(2026) 774719_EN.pdf

Or. en

Emenda 2
Herbert Dorfmann, Markus Ferber, Fernando Navarrete Rojas, Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-aċċess tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għall-informazzjoni dwar it-taxxa

fuq il-valur miżjud fil-livell tal-Unjoni, (COM(2025)0685 – C10-0298/2025 – 2025/0348(CNS)),

Or. en

Emenda 3
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-aċċess tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għall-informazzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud fil-livell tal-Unjoni,

Or. en

Emenda 4
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-istudju intitolat "The implementation and impact of the VAT reverse charge mechanism in the EU" (L-implimentazzjoni u l-impatt tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tal-VAT fl-UE), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari (EPRS) ***ta' XX*** ta' Ġunju 2026[14],	– wara li kkunsidra l-istudju intitolat "The implementation and impact of the VAT reverse charge mechanism in the EU" (L-implimentazzjoni u l-impatt tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tal-VAT fl-UE), ippubblikat mid-Direttorat Ġenerali tiegħu għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari (EPRS) ***tat-22*** ta' Ġunju 2026[14],
[14] Studju – "The implementation and impact of the VAT reverse charge	[14] Studju – "The implementation and impact of the VAT reverse charge

mechanism in the EU" (L-implimentazzjoni u l-impatt tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tal-VAT fl-UE), il-Parlament Ewropew, EPRS, XX ta' Ġunju 2026.	mechanism in the EU" (L-implimentazzjoni u l-impatt tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tal-VAT fl-UE), il-Parlament Ewropew, EPRS, XX ta' Ġunju 2026.

Or. en

Emenda 5
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Marzu 2026,

Or. en

Emenda 6
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Ewrobarometru Flash 559, minn Frar sa April 2025, dwar "Startups, scaleups and entrepreneurship" (L-istart-ups, l-iscale-ups u l-intraprenditorija)[14a],
	[14a] Eurobarometer – Startups, scaleups and entrepreneurship" (Ewrobarometru – L-istartups, l-iscaleups u l-intraprenditorija) - https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3359

Or. en

Emenda 7
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Ewrobarometru Flash 562, minn April 2025, bit-titolu "Citizens' attitudes towards taxation" (L-attitudnijiet taċ-ċittadini lejn it-tassazzjoni)[14b],
	[14b] Ewrobarometru — "L-attitudnijiet taċ-ċittadini lejn it-tassazzjoni" - https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3375

Or. en

Emenda 8
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-sistema tal-VAT tal-UE għadha vulnerabbli għall-frodi intra-Komunitarja b'negozjant nieqes ***u għall-frodi*** karusell;	B. billi s-sistema tal-VAT tal-UE għadha vulnerabbli għall-frodi intra-Komunitarja b'negozjant nieqes ***(MTIC) u l-frodi*** karusell ***b'telf ta' frodi MTIC li jvarja minn EUR 12,5 sa 32,8 biljun fis-sena matul il-perjodu 2010–2023***;

Or. en

Emenda 9
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri identifikat ripetutament id-dgħufijiet fl-aċċessibbiltà u fl-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni relatati mal-VAT fl-Istati Membri kollha u fil-korpi tal-Unjoni bħala ostaklu sinifikanti għal investigazzjonijiet dwar il-frodi transfruntiera tal-VAT effettivi;

Or. en

Emenda 10
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi din il-frodi ***tista'*** tikkawża telf sinifikanti għall-baġits nazzjonali, tfixkel il-kompetizzjoni u tesponi lin-negozji leġittimi għal riskji legali u finanzjarji;	C. billi din il-frodi tikkawża telf sinifikanti għall-baġits nazzjonali, tfixkel il-kompetizzjoni u tesponi lin-negozji leġittimi għal riskji legali u finanzjarji;

Or. en

Emenda 11
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-mekkaniżmu tar-reverse charge wera li huwa strument effettiv ħafna mhux biss fl-iżgurar tad-dħul mit-taxxa iżda wkoll fil-ġlieda kontra l-ekonomija sewda u fil-prevenzjoni tad-dumping inġust tal-prezzijiet minn atturi frawdolenti, u b'hekk jissalvagwardja direttament il-kompetittività tan-negozji onesti;

Or. en

Emenda 12
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-kapaċità li jittejbu r-riżultati fl-indirizzar tal-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa għadha ristretta mill-votazzjoni b'unanimità fil-Kunsill tal-UE, kif applikabbli għal dan il-qasam ta' politika;

Or. en

Emenda 13
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-frodi tal-VAT tikkonċentra b'mod predominanti f'setturi tan-negozju fejn il-mekkaniżmu tar-reverse charge mhuwiex applikat[1a];
	[1a] BUETTNER, Thiess; TASSI, Annalisa. Frodi tal-VAT u reverse charge: evidenza empirika mid-data tad-dikjarazzjoni tal-VAT. International Tax and Public Finance (2023) 30:849–878. Disponibbli fuq: https://doi.org/10.1007/s10797-023-09776-y

Or. en

Emenda 14
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-mekkaniżmu tar-reverse charge jittrasferixxi l-obbligu ta' dikjarazzjoni tal-VAT mill-fornitur għall-klijent, u b'hekk ***inaqqas ir-riskju*** li fornitur jiġbor il-VAT u jisparixxi mingħajr ma jħallasha;	D. billi l-mekkaniżmu tar-reverse charge jittrasferixxi l-obbligu ta' dikjarazzjoni tal-VAT mill-fornitur għall-klijent, u b'hekk ***ineħħi r-riskju*** li fornitur jiġbor il-VAT u jisparixxi mingħajr ma jħallasha;

Or. en

Emenda 15
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tvarja fost l-Istati Membri, inkluż fir-rigward tal-limiti volontarji u d-definizzjonijiet tas-setturi koperti, u potenzjalment toħloq inċertezza ***legali***, kostijiet tal-konformità ***u*** opportunitajiet għall-ispostament tal-frodi;	G. billi l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tvarja fost l-Istati Membri, inkluż fir-rigward tal-limiti volontarji u d-definizzjonijiet tas-setturi koperti, u potenzjalment toħloq inċertezza ***tad-dritt***, kostijiet tal-konformità***,*** opportunitajiet għall-ispostament tal-frodi ***u timmina l-objettivi tat-tnaqqis tal-frodi tal-mekkaniżmu tar-reverse charge***;

Or. en

Emenda 16
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi d-diskrepanza fil-konformità tal-VAT, skont l-aktar stima reċenti tal-Kummissjoni, laħqet il-EUR 128 biljun fl-UE;

Or. en

Emenda 17
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi hemm diverġenzi sinifikanti fid-diskrepanza nazzjonali fil-konformità mal-VAT, minn 1 % għal 30 % fi proporzjon mad-dħul miġbur mill-Istat Membru rispettiv;

Or. en

Emenda 18
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi n-negozji, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), jeħtieġu regoli ċari u fattibbli tal-VAT sabiex jikkonformaw mingħajr piż amministrattiv sproporzjonat;	H. billi n-negozji, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) ***li joperaw f'diversi Stati Membri***, jeħtieġu regoli ċari***, konsistenti*** u fattibbli tal-VAT sabiex jikkonformaw mingħajr piż amministrattiv sproporzjonat; ***billi l-kundizzjonijiet nazzjonali diverġenti għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge iżidu saff addizzjonali ta' kumplessità għal tali negozji;***

Or. en

Emenda 19
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi stħarriġ reċenti, li fih ipparteċipaw aktar minn 12000 SME, jindika li "it-Tassazzjoni u t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT)" jikkostitwixxu l-aktar ostaklu prevalenti li jipprevjeni lill-intrapriżi milli jespandu f'pajjiżi oħra tal-UE;

Or. en

Emenda 20
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi stħarriġ reċenti, li fih ipparteċipaw aktar minn 25 000 ċittadin, jenfasizza li l-maġġoranza (54 %) ivvotat biex l-UE jkollha l-"Ġlieda kontra l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa" bħala l-prijorità ewlenija tagħha fir-rigward tal-politika tat-tassazzjoni;

Or. en

Emenda 21
Herbert Dorfmann, Markus Ferber, Fernando Navarrete Rojas, Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-pakkett ViDA waħdu mhux se jelimina l-frodi tal-VAT u jeħtieġ li jiġi kkomplementat minn miżuri preventivi addizzjonali;

Or. en

Emenda 22
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida qatt ma ġie applikat fil-prattika, u dan iqajjem mistoqsijiet dwar l-effikaċja operazzjonali tiegħu;	J. billi l-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida qatt ma ġie applikat fil-prattika, u dan iqajjem mistoqsijiet dwar l-effikaċja operazzjonali ***u l-użabbiltà prattika*** tiegħu;

Or. en

Emenda 23
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi kwalunkwe qafas futur għandu jibbilanċja l-protezzjoni tad-dħul mit-taxxa, iċ-ċertezza tad-dritt għan-negozji, l-ammont ta' xogħol għall-amministrazzjoni tat-taxxa, il-prinċipju tal-proporzjonalità u r-rispett għall-kompetenzi tal-Istati Membri fit-tassazzjoni;	K. billi kwalunkwe qafas futur għandu jibbilanċja l-protezzjoni tad-dħul mit-taxxa, iċ-ċertezza tad-dritt għan-negozji, l-ammont ta' xogħol għall-amministrazzjoni tat-taxxa, il-prinċipju tal-proporzjonalità u r-rispett għall-kompetenzi tal-Istati Membri fit-tassazzjoni; ***billi konsistenza akbar fil-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge, fejn l-Istati Membri jagħżlu li jużawh, tista' tikkontribwixxi għaċ-ċertezza tad-dritt mingħajr ma tirrikjedi l-armonizzazzjoni tas-sistemi nazzjonali tal-VAT bħala tali;***

Or. en

Emenda 24
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi l-mekkaniżmu tar-reverse charge tal-VAT ġie introdott, fost l-oħrajn, biex jiġġieled il-frodi tal-VAT fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS); billi ġie stmat li, f'xi Stati Membri, sa 90 % tal-volum tas-suq kien marbut ma' attivitajiet frodulenti fl-2008–2009, u dan ikkawża telf sa EUR 5 biljun u dgħajjef il-fiduċja fl-iskema[1a]; billi l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jibqa' fost is-setturi l-aktar esposti għall-frodi tal-VAT; billi l-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra jibqgħu waħda mill-aktar kategoriji użati ta' spiss skont l-Artikolu 199a tad-Direttiva 2006/112/KE;
	[1a] Skont id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2017) 428 final (Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta li temenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010), il-Europol stmat li, f'xi Stati Membri, sa 90 % tas-suq tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-karbonju kien marbut mal-frodi tal-VAT fl-2008–2009, li rriżulta f'telf stmat ta' madwar EUR 5 biljun.

Or. en

Emenda 25
Herbert Dorfmann, Markus Ferber, Fernando Navarrete Rojas, Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi, fil-pożizzjoni tiegħu tat-3 ta' Mejju 2022, il-Parlament talab li titwettaq valutazzjoni tal-effetti tal-mekkaniżmu tar-reverse charge qabel kwalunkwe estensjoni ulterjuri; billi l-aktar valutazzjoni sostantiva reċenti tal-

Kummissjoni tal-Artikoli 199a u 199b tmur lura għall-2018 (COM(2018)0118) u l-valutazzjoni aġġornata mitluba ma ngħatatx;

Or. en

Emenda 26
Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar li l-mekkaniżmu tar-reverse charge huwa deroga mmirata mis-sistema tal-VAT u m'għandux isir sostitut ġenerali għaliha;	1. Ifakkar li l-mekkaniżmu tar-reverse charge huwa deroga mmirata mis-sistema tal-VAT u m'għandux isir sostitut ġenerali għaliha ***u li l-użu estensiv tiegħu jista' jdgħajjef il-koerenza tal-qafas tat-taxxa tal-UE***;

Or. en

Emenda 27
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar li l-mekkaniżmu tar-reverse charge huwa deroga mmirata mis-sistema tal-VAT ***u m'għandux isir sostitut ġenerali għaliha***;	1. Ifakkar li l-mekkaniżmu tar-reverse charge huwa deroga mmirata mis-sistema tal-VAT;

Or. en

Emenda 28
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jisħaq li l-protezzjoni tad-dħul mill-VAT hija essenzjali ***għall-baġit*** tal-Istati Membri u għall-baġit tal-Unjoni, għall-kompetizzjoni ġusta u għall-funzjonament xieraq tas-suq intern;	2. Jisħaq li l-protezzjoni tad-dħul mill-VAT hija essenzjali ***għall-baġits*** tal-Istati Membri u għall-baġit tal-Unjoni, għall-kompetizzjoni ġusta u għall-funzjonament xieraq tas-suq intern;

Or. en

Emenda 29
Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jenfasizza r-rabta diretta bejn il-VAT u t-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, peress li l-frodi tal-VAT twassal għal dħul mhux irreġistrat, li min-naħa tiegħu jfisser li l-bażi għat-taxxa korporattiva ma tirriflettix l-attività ekonomika reali, u b'hekk tnaqqas id-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 30
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jesprimi tħassib serju dwar id-diskrepanza fil-konformità tal-VAT, li laħqet il-EUR 128 biljun fl-aħħar sena tar-rekords disponibbli; jiddispjaċih dwar iż-żieda ta' 1.6 punti perċentwali fid-diskrepanza fil-konformità tal-VAT mill-2022 sal-2023;

Or. en

Emenda 31
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' referenzi tal-Kunsill Ewropew għal aktar armonizzazzjoni tal-politika tat-tassazzjoni fl-ambitu tal-aġenda "Ewropa Waħda, Suq Wieħed", b'mod partikolari minħabba li l-SMEs għażlu l-frammentazzjoni tat-taxxa u tal-VAT bħala l-aktar ostaklu prevalenti fis-suq uniku;

Or. en

Emenda 32
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Iqis li t-tranżizzjoni għall-użu tal-maġġoranza kwalifikata f'ċerti aspetti tal-politika tat-tassazzjoni — bħall-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali ffirmati mill-Istati Membri kollha, il-kooperazzjoni amministrattiva jew id-definizzjonijiet legali — tipprevjeni l-effett limitat tal-unanimità fit-twettiq ta' armonizzazzjoni regolatorja għall-ġlieda kontra l-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa;

Or. en

Emenda 33
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2d. Jinnota li n-nuqqas ta' sistema definittiva tal-VAT tal-UE jkompli joħloq opportunitajiet għal frodi intra-Komunitarja b'negozjant nieqes u frodi karusell; jiddispjaċih dwar id-dewmien fl-istabbiliment ta' tali sistema u jirrikonoxxi li dan kien jeħtieġ l-użu interim tal-mekkaniżmu tar-reverse charge bħala parti minn sett ta' għodod usa' ta' miżuri kontra l-frodi;

Or. en

Emenda 34
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2e. Jinnota b'dispjaċir li l-proposta tal-Kummissjoni għal sistema definittiva tal-VAT ġiet irtirata formalment fl-2025 minħabba nuqqas ta' ftehim politiku prevedibbli fil-Kunsill; jisħaq, madankollu, li l-objettiv sottostanti li jingħalqu l-lakuni strutturali sfruttati mill-frodi karusell u b'negozjant nieqes jibqa' prijorità, u jistieden lill-Kummissjoni tmexxi 'l quddiem analiżi ulterjuri u, fuq dik il-bażi, tressaq proposta riveduta mingħajr aktar dewmien;

Or. en

Emenda 35

Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmu tar-reverse charge wera li huwa ***effikaċi*** kontra l-frodi ***intra-Komunitarja*** b'negozjant nieqes u l-frodi karusell f'setturi b'riskju għoli***, filwaqt li*** jinnota li x-xejriet tal-frodi qed ikomplu jevolvu;	3. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmu tar-reverse charge wera li huwa ***estremament effettiv*** kontra l-frodi ***intrakomunitarja*** b'negozjant nieqes u l-frodi karusell f'setturi b'riskju għoli ***u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw tnaqqis sostanzjali jew saħansitra għajbien prattiku ta' tali frodi fis-setturi koperti mill-mekkaniżmu tar-reverse charge;*** jinnota***, barra minn hekk,*** li x-xejriet tal-frodi qed ikomplu jevolvu;

Or. en

Emenda 36
Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmu tar-reverse charge wera li huwa ***effikaċi*** kontra l-frodi ***intra-Komunitarja*** b'negozjant nieqes u l-frodi karusell f'setturi b'riskju għoli, filwaqt li jinnota li x-xejriet tal-frodi qed ikomplu jevolvu;	3. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmu tar-reverse charge wera li huwa ***effettiv*** kontra l-frodi ***intrakomunitarja*** b'negozjant nieqes u l-frodi karusell f'setturi b'riskju ***għoli bi prodotti omoġenji ta' valur*** għoli, filwaqt li jinnota li x-xejriet tal-frodi qed ikomplu jevolvu ***u l-użu estiż tal-mekkaniżmu tar-reverse charge jista' jwassal biex il-frodi timxi lejn setturi kontigwi***;

Or. en

Emenda 37
Herbert Dorfmann, Markus Ferber, Fernando Navarrete Rojas, Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmu tar-reverse charge wera li huwa effikaċi kontra l-frodi intra-Komunitarja b'negozjant nieqes u l-frodi karusell f'setturi b'riskju għoli, filwaqt li jinnota li x-xejriet tal-frodi qed ikomplu jevolvu;	3. Jirrikonoxxi li l-mekkaniżmu tar-reverse charge wera li ***b'mod ġenerali*** huwa effikaċi kontra l-frodi intra-Komunitarja b'negozjant nieqes u l-frodi karusell f'setturi b'riskju għoli, filwaqt li jinnota li x-xejriet tal-frodi qed ikomplu jevolvu;

Or. en

Emenda 38
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jenfasizza li l-effettività tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tiddependi fuq l-ambjent ta' kontroll usa' — inkluż ir-rapportar fil-livell tat-tranżazzjonijiet, l-għodod avvanzati tal-awditjar, il-verifika tar-reġistrazzjoni tan-negozjanti, l-awditi bbażati fuq ir-riskju, il-kontrolli tar-rifużjoni - kif ukoll fuq l-Istati Membri li japplikaw dawn l-istrumenti kontra l-frodi b'mod konsistenti; jinnota għalhekk li l-mekkaniżmu tar-reverse charge ma jneħħix il-piż amministrattiv fuq l-amministrazzjonijiet tat-taxxa iżda jmexxih, u jirrikjedi kapaċitajiet ta' kontroll differenti, u f'xi każijiet aktar eżiġenti minn dawk tas-sistema standard tal-VAT;

Or. en

Emenda 39
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jinnota li l-iskadenza tal-Artikoli 199a u 199b tad-Direttiva 2006/112/KE tneħħi ***għodod*** speċifiċi kontra l-frodi ***u dan huwa mistenni li jseħħ qabel ma l-pakkett tal-VAT fl-Era Diġitali jkun applikabbli bis-sħiħ***;	4. Jinnota li l-iskadenza tal-Artikoli 199a u 199b tad-Direttiva 2006/112/KE tneħħi ***dawn l-għodod*** speċifiċi***, effettivi u użati b'mod wiesa'*** kontra l-frodi***, u toħloq vojt legali li jista' jwassal biex terġa' titfaċċa l-frodi tal-VAT u jikkawża ħsara b'rabta mad-dħul mit-taxxa u man-negozji leġittimi***;

Or. en

Emenda 40
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri li japplikaw il-mekkaniżmu tar-reverse charge ddikjaraw li dan naqqas il-każijiet ta' frodi, b'mod partikolari fi tranżazzjonijiet li jinvolvu prodotti ta' valur għoli u standardizzati;	5. Jinnota li l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri li japplikaw il-mekkaniżmu tar-reverse charge ddikjaraw li dan naqqas il-każijiet ta' frodi, b'mod partikolari fi tranżazzjonijiet li jinvolvu prodotti ta' valur għoli u standardizzati; ***jissottolinja li, għall-kuntrarju tas-sistema standard tal-VAT, il-mekkaniżmu tar-reverse charge jittrasferixxi l-ġbir tal-VAT għal stadju aktar tard fil-katina tal-provvista, filwaqt li jikkonċentra r-riskji potenzjali f'anqas tranżazzjonijiet; iqis li, fejn jiġi applikat, il-mekkaniżmu tar-reverse charge għandu jibqa' temporanju u strettament limitat fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex jiġu evitati effetti negattivi strutturali fit-tul fuq is-sistema tal-VAT;***

Or. en

Emenda 41
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jinnota li l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri li japplikaw il-mekkaniżmu tar-reverse charge ddikjaraw li dan naqqas il-każijiet ta' frodi, b'mod partikolari fi tranżazzjonijiet li jinvolvu prodotti ta' valur għoli u standardizzati;	5. Jinnota li l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri li japplikaw il-mekkaniżmu tar-reverse charge ddikjaraw li dan naqqas ***drastikament jew saħansitra elimina għalkollox*** il-każijiet ta' frodi, b'mod partikolari fi tranżazzjonijiet li jinvolvu prodotti ta' valur għoli u standardizzati;

Or. en

Emenda 42
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jenfasizza li diversi Stati Membri integraw b'suċċess il-mekkaniżmu tar-reverse charge ma' sistemi nazzjonali avvanzati ta' dikjarazzjoni elettronika u għodod awtomatizzati ta' analiżi tar-riskju; jisħaq li kwalunkwe qafas futur tal-UE jrid jirrispetta u jippermetti l-użu kontinwu ta' dawn is-sistemi nazzjonali li jiffunzjonaw tajjeb mingħajr ma jimponi saffi amministrattivi duplikati;

Or. en

Emenda 43
Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li l-validità tal-Artikolu 199a	6. Jitlob li l-validità tal-Artikolu 199a

tiġi estiża lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2026 għal perjodu twil biżżejjed, sabiex tiġi ppreservata ċ-ċertezza ***legali***, jiġi evitat esponiment imġedded għall-frodi karusell u tiġi żgurata l-kontinwità filwaqt li ***l-VAT fl-Era Diġitali*** tiġi implimentata progressivament;	tiġi estiża lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2026 għal perjodu twil biżżejjed, sabiex tiġi ppreservata ċ-ċertezza ***tad-dritt***, jiġi evitat esponiment imġedded għall-frodi karusell u tiġi żgurata l-kontinwità filwaqt li ***l-ViDA*** tiġi implimentata progressivament; ***jesprimi dispjaċir għall-iskadenzi ta' implimentazzjoni mtawla miftiehma fl-ambitu tal-pakkett ViDA, li skontu r-rekwiżiti ta' rapportar diġitali huma kruċjali biex l-awtoritajiet kompetenti jingħataw għodod biex jinvestigaw il-frodi tal-VAT b'mod effiċjenti, u b'hekk jissostitwixxu l-ħtieġa tal-mekkaniżmu tar-reverse charge;***

Or. en

Emenda 44
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li l-validità tal-Artikolu 199a tiġi estiża lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2026 għal perjodu twil biżżejjed, sabiex tiġi ppreservata ċ-ċertezza legali, jiġi evitat esponiment imġedded għall-frodi karusell u tiġi żgurata l-kontinwità filwaqt li l-VAT fl-Era Diġitali tiġi implimentata progressivament;	6. Jitlob li l-validità tal-Artikolu 199a tiġi estiża lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2026 għal perjodu twil biżżejjed, sabiex tiġi ppreservata ċ-ċertezza legali, jiġi evitat esponiment imġedded għall-frodi karusell u tiġi żgurata l-kontinwità filwaqt li l-VAT fl-Era Diġitali tiġi implimentata progressivament; ***iqis li din l-estensjoni għandha tkun akkumpanjata minn armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet li taħthom l-Istati Membri japplikaw il-mekkaniżmu, b'mod partikolari fir-rigward tal-limiti u l-kamp ta' applikazzjoni tas-setturi koperti;***

Or. en

Emenda 45
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li l-validità tal-Artikolu 199a tiġi estiża lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2026 għal perjodu twil biżżejjed, sabiex tiġi ppreservata ċ-ċertezza ***legali***, jiġi evitat esponiment imġedded għall-frodi karusell u tiġi żgurata l-kontinwità filwaqt li ***l-VAT fl-Era Diġitali*** tiġi implimentata progressivament;	6. Jitlob li l-validità tal-Artikolu 199a tiġi estiża lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2026 għal perjodu twil biżżejjed, sabiex tiġi ppreservata ċ-ċertezza ***tad-dritt***, jiġi evitat esponiment imġedded għall-frodi karusell***, tiġi miġġielda l-ekonomija sewda,*** u tiġi żgurata l-kontinwità ***operazzjonali għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u n-negozji nazzjonali*** filwaqt li ***l-ViDA*** tiġi implimentata progressivament;

Or. en

Emenda 46
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jitlob li l-validità*** tal-Artikolu 199a ***tiġi estiża lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2026 għal perjodu twil biżżejjed***, sabiex tiġi ppreservata ċ-ċertezza ***legali***, jiġi evitat esponiment imġedded għall-frodi karusell ***u tiġi żgurata l-kontinwità*** filwaqt li ***l-VAT fl-Era Diġitali tiġi implimentata progressivament***;	6. ***Iqis il-possibbiltà ta' estensjoni tal-validità*** tal-Artikolu 199a ***bħala miżura tranżitorja matul l-implimentazzjoni tal-ViDA***, sabiex tiġi ppreservata ċ-ċertezza ***tad-dritt***, jiġi evitat esponiment imġedded għall-frodi karusell***,*** filwaqt li ***jinnota li l-użu kontinwu għandu jkun soġġett għal rieżami regolari, valutazzjonijiet murija tar-riskji ta' frodi u tal-proporzjonalità***;

Or. en

Emenda 47
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li l-validità tal-Artikolu 199a tiġi estiża lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2026 għal perjodu ***twil biżżejjed***, sabiex tiġi ppreservata ċ-ċertezza ***legali***, jiġi evitat esponiment imġedded għall-frodi karusell u tiġi żgurata l-kontinwità filwaqt li ***l-VAT fl-Era Diġitali*** tiġi implimentata progressivament;	6. Jitlob li l-validità tal-Artikolu 199a tiġi estiża lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2026 ***bħala miżura temporanja u mmirata kontra l-frodi,*** għal perjodu ***limitat strettament meħtieġ***, sabiex tiġi ppreservata ċ-ċertezza ***tad-dritt***, jiġi evitat esponiment imġedded għall-frodi karusell u tiġi żgurata l-kontinwità filwaqt li ***l-ViDA*** tiġi implimentata progressivament;

Or. en

Emenda 48
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jitlob li l-validità tal-Artikolu 199a tiġi estiża lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2026 għal perjodu twil biżżejjed, sabiex tiġi ppreservata ċ-ċertezza ***legali***, jiġi evitat esponiment imġedded għall-frodi karusell u tiġi żgurata l-kontinwità filwaqt li ***l-VAT fl-Era Diġitali*** tiġi implimentata progressivament;	6. Jitlob li l-validità tal-Artikolu 199a tiġi estiża lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2026 għal perjodu twil biżżejjed ***jew anke b'mod permanenti***, sabiex tiġi ppreservata ċ-ċertezza ***tad-dritt***, jiġi evitat esponiment imġedded għall-frodi karusell u tiġi żgurata l-kontinwità filwaqt li ***l-ViDA*** tiġi implimentata progressivament;

Or. en

Emenda 49
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Iqis li estensjoni aktar sinifikanti, b'mill-anqas erba' snin, tiżgura l-kontinwità għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa sakemm ***il-VAT fl-Era Diġitali***, ir-rapportar diġitali u	7. Iqis li estensjoni aktar sinifikanti, b'mill-anqas erba' snin, tiżgura l-kontinwità għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa sakemm ***il-ViDA***, ir-rapportar diġitali u s-sistemi

s-sistemi nazzjonali tal-fatturazzjoni elettronika jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom;

nazzjonali tal-fatturazzjoni elettronika jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom; ***ifakkar li tali estensjoni għandha tibqa' ta' natura tranżitorja u sservi bħala miżura tranżitorja sakemm tiġi introdotta sistema tal-VAT tal-UE armonizzata u diġitalment abilitata, mirfuda minn rekwiżiti robusti ta' fatturazzjoni elettronika u rapportar diġitali u tista' tnaqqas il-frodi strutturalment, tissimplifika l-konformità għan-negozji leġittimi u tiżgura dħul stabbli għas-servizzi pubbliċi;***

Or. en

Emenda 50
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Iqis li estensjoni aktar sinifikanti, ***b'mill-anqas erba' snin***, tiżgura l-kontinwità għan-negozji u ***għall-amministrazzjonijiet*** tat-taxxa sakemm ***il-VAT fl-Era Diġitali***, ir-rapportar diġitali u s-sistemi nazzjonali tal-fatturazzjoni elettronika jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom;	7. Iqis li estensjoni aktar sinifikanti, ***għal perjodu suffiċjenti biex jippermetti l-implimentazzjoni sħiħa u l-effettività murija tal-VAT fil-pakkett dwar l-Era Diġitali***, tiżgura l-kontinwità ***u l-prevedibbiltà*** għan-negozji u ***l-amministrazzjonijiet*** tat-taxxa sakemm ***il-ViDA***, ir-rapportar diġitali u s-sistemi nazzjonali tal-fatturazzjoni elettronika jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom;

Or. en

Emenda 51
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Iqis li estensjoni aktar sinifikanti**,**	7. Iqis li estensjoni aktar sinifikanti

b'mill-anqas erba' snin, tiżgura l-kontinwità għan-negozji u ***għall-amministrazzjonijiet*** tat-taxxa sakemm ***il-VAT fl-Era Diġitali***, ir-rapportar diġitali u s-sistemi nazzjonali ***tal-fatturazzjoni*** elettronika jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom;	***għandha tkun soġġetta għal klawżola ta' estinzjoni u rieżami regolari u tkun akkumpanjata minn evalwazzjoni tal-Kummissjoni, biex jiġi żgurat li l-miżura tibqa' rilevanti u biex tiġi żgurata*** l-kontinwità għan-negozji u ***l-amministrazzjonijiet*** tat-taxxa sakemm ***il-ViDA***, ir-rapportar diġitali u s-sistemi nazzjonali ***ta' fatturazzjoni*** elettronika jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom;

Or. en

Emenda 52
Herbert Dorfmann, Markus Ferber, Fernando Navarrete Rojas, Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Iqis li estensjoni aktar sinifikanti***, b'mill-anqas erba' snin***, tiżgura l-kontinwità għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa sakemm ***il-VAT fl-Era Diġitali***, ir-rapportar diġitali u s-sistemi nazzjonali tal-fatturazzjoni elettronika jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom;	7. Iqis li estensjoni aktar sinifikanti ***minn dawk li ngħataw s'issa***, tiżgura l-kontinwità għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa sakemm ***il-ViDA***, ir-rapportar diġitali u s-sistemi nazzjonali tal-fatturazzjoni elettronika jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom;

Or. en

Emenda 53
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Iqis li*** estensjoni ***aktar sinifikanti, b'mill-anqas erba' snin,*** tiżgura l-kontinwità għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa sakemm ***il-VAT fl-Era Diġitali***, ir-rapportar diġitali u s-sistemi nazzjonali tal-fatturazzjoni	7. ***Jenfasizza li tali*** estensjoni tiżgura l-kontinwità għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa sakemm ***il-ViDA***, ir-rapportar diġitali u s-sistemi nazzjonali tal-fatturazzjoni elettronika jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom;

elettronika jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom;

Or. en

Emenda 54
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Iqis li estensjoni ***aktar*** sinifikanti***, b'mill-anqas erba' snin***, tiżgura l-kontinwità għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa sakemm ***il-VAT fl-Era Diġitali***, ir-rapportar diġitali u s-sistemi nazzjonali tal-fatturazzjoni elettronika jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom;	7. Iqis li estensjoni sinifikanti ***biss***, tiżgura l-kontinwità għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa sakemm ***il-ViDA***, ir-rapportar diġitali u s-sistemi nazzjonali tal-fatturazzjoni elettronika jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom;

Or. en

Emenda 55
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jirrikonoxxi li xi industriji[2a] u akkademiċi argumentaw favur mekkaniżmu tar-reverse charge permanenti li jġib miegħu tnaqqis sostnut tal-frodi tal-VAT, ċertezza tad-dritt għall-parteċipanti kollha fis-suq u oqfsa ta' konformità stabbli u effiċjenti;

[2a] Sejħa Konġunta tal-Industrija għas-Sostenn tal-Protezzjonijiet Kontra l-Frodi tal-VAT fl-Iskambju ta' Ċertifikati tal-Enerġija, tal-Emissjonijiet u tal-Enerġija. Brussell, it-3 ta' Marzu 2026. Disponibbli

fuq: https://www.eurogas.org/wp-content/uploads/2026/03/20260303_Joint-Energy-Industry-Call-to-Sustain-VAT-Fraud-Protections.pdf

Or. en

Emenda 56
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja li kwalunkwe estensjoni tal-validità tal-Artikolu 199a għandha tibqa' mmirata, ibbażata fuq l-evidenza u ġġustifikata minn riskji ċari ta' frodi, minn speċifiċitajiet tas-settur u minn nuqqas ta' alternattivi anqas ta' piż;	***imħassar***

Or. en

Emenda 57
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jisħaq li l-mekkaniżmu tar-reverse charge jrid jibqa' deroga eċċezzjonali u mhux jissostitwixxi l-ħtieġa għal riforma usa' tal-VAT; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pjan direzzjonali għal qafas komprensiv u koerenti tal-VAT, immirat lejn l-għeluq ta' lakuni li jippermettu frodi tal-VAT fuq skala kbira u bbażat fuq rapportar diġitali u fatturazzjoni elettronika fl-UE kollha, kooperazzjoni amministrattiva aktar b'saħħitha, u infurzar effettiv kontra l-frodi transfruntiera tal-VAT;

Or. en

Emenda 58
Kira Marie Peter-Hansen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jiddispjaċih li, skont stimi reċenti tal-Kummissjoni, id-diskrepanza fil-konformità tal-VAT tal-UE ammontat għal EUR 128 biljun fl-2023; jinnota bi tħassib li l-frodi karusell tal-VAT irrappreżentat madwar kwart tat-telf annwali mid-dħul mill-VAT, filwaqt li l-frodi intra-Komunitarja b'negozjant nieqes (MTIC) hija stmata li tikkawża telf annwali ta' bejn EUR 12,5 biljun u EUR 32,8 biljun; jisħaq li dan id-dħul mitluf iċaħħad lill-baġits pubbliċi minn riżorsi għall-investiment pubbliku, idgħajjef ir-riżorsi proprji tal-Unjoni u jimmina l-kompetizzjoni ġusta għan-negozji leġittimi fis-Suq Uniku.

Or. en

Emenda 59
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge, settur b'settur, inkluż l-impatt tagħha fuq il-frodi, in-negozji, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-ispostament possibbli tal-frodi, u tadatta l-lista ta' setturi kif xieraq;	9. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge, settur b'settur, inkluż l-impatt tagħha fuq il-frodi, in-negozji, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-ispostament possibbli tal-frodi, u tadatta l-lista ta' setturi kif xieraq; ***jitlob, abbażi***

ta' din il-valutazzjoni, li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet minimi komuni għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fl-Istati Membri kollha, sabiex titnaqqas l-inċertezza tad-dritt u jiġu limitati l-opportunitajiet għall-ispostament tal-frodi bejn l-Istati Membri b'regoli diverġenti;

Or. en

Emenda 60
Fernando Navarrete Rojas, Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge, settur b'settur, inkluż l-impatt ***tagħha*** fuq il-frodi, in-negozji, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-ispostament possibbli tal-frodi, u tadatta l-lista ta' setturi kif xieraq;	9. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge, settur b'settur, inkluż l-impatt ***tiegħu*** fuq il-frodi, in-negozji, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-ispostament possibbli tal-frodi, ***b'mod partikolari billi tqabbel l-istima tal-frodi tal-VAT evitata mal-kostijiet ta' konformità mġarrba min-negozji, b'enfasi partikolari fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs),*** u tadatta l-lista ta' setturi kif xieraq;

Or. en

Emenda 61
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji tal-applikazzjoni tal-	9. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji tal-applikazzjoni tal-

mekkaniżmu tar-reverse charge, settur b'settur, inkluż l-impatt tagħha fuq il-frodi, in-negozji, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-ispostament possibbli tal-frodi, u tadatta l-lista ta' setturi kif xieraq;	mekkaniżmu tar-reverse charge, settur b'settur, inkluż l-impatt tagħha fuq il-frodi, in-negozji, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-ispostament possibbli tal-frodi, u tadatta l-lista ta' setturi kif xieraq; ***jistieden ukoll lill-Kummissjoni tanalizza u toħroġ rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri rigward il-frodi "tal-aħħar mil" fit-tranżazzjonijiet B2C għas-setturi fejn huwa applikabbli l-mekkaniżmu tar-reverse charge;***

Or. en

Emenda 62
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge, settur b'settur, inkluż l-impatt tagħha fuq il-frodi, in-negozji, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-ispostament possibbli tal-frodi, u ***tadatta*** l-lista ta' setturi kif xieraq;	9. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge, settur b'settur, inkluż l-impatt tagħha fuq il-frodi, in-negozji, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-ispostament possibbli tal-frodi, u ***testendi*** l-lista ta' setturi kif xieraq;

Or. en

Emenda 63
Herbert Dorfmann, Markus Ferber, Fernando Navarrete Rojas, Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jieħu nota li l-Kummissjoni ma wettqitx il-valutazzjoni aġġornata tal-effetti tal-Artikolu 199a u 199b mitluba mill-Parlament qabel kwalunkwe estensjoni ulterjuri; jistieden lill-

Kummissjoni tippreżenta tali valutazzjoni u, fuq dik il-bażi, proposta f'waqtha ferm qabel l-iskadenza fil-31 ta' Diċembru 2026;

Or. en

Emenda 64
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jinnota li l-irtirar tal-mekkaniżmu tar-reverse charge minn setturi ekonomiċi fejn dan irnexxielu jeqred il-frodi karusell, mingħajr alternattiva ugwalment robusta u ppruvata kompletament operazzjonali, x'aktarx jirriżulta fil-qawmien mill-ġdid immedjat ta' networks kriminali u telf serju ta' dħul mit-taxxa;

Or. en

Emenda 65
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jisħaq li ***konsistenza akbar fl-applikazzjoni tal-Artikolu 199a ma għandhiex tagħmel*** l-mekkaniżmu tar-reverse charge ***obbligatorju jew twassal għal armonizzazzjoni furzata tas-sistemi nazzjonali tal-VAT, iżda għandha tiżgura*** trattament aktar ċar u prevedibbli ta' tranżazzjonijiet komparabbli b'riskju għoli;	10. Jisħaq li l-mekkaniżmu tar-reverse charge ***għandu jibqa' fakultattiv għall-Istati Membri, iqis, madankollu, li meta Stat Membru japplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge skont l-Artikolu 199a, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni tiegħu, inklużi l-limiti li 'l fuq minnhom japplika l-mekkaniżmu u d-definizzjonijiet tas-setturi u l-oġġetti jew is-servizzi koperti, għandhom jiġu allinjati fil-livell tal-Unjoni, bil-ħsieb li jiġi żgurat*** trattament aktar ċar u prevedibbli ta'

	tranżazzjonijiet komparabbli b'riskju għoli ***fis-suq intern kollu u biex jiġu limitati l-opportunitajiet għall-ispostament tal-frodi li jirriżultaw minn regoli nazzjonali diverġenti***;

Or. en

Emenda 66
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jisħaq li konsistenza akbar fl-applikazzjoni tal-Artikolu 199a ***ma għandhiex tagħmel l-mekkaniżmu tar-reverse charge obbligatorju jew twassal*** għal armonizzazzjoni furzata tas-sistemi nazzjonali tal-VAT, iżda ***għandha tiżgura*** trattament aktar ċar u prevedibbli ta' tranżazzjonijiet komparabbli ***b'riskju*** għoli;	10. Jisħaq li ***hija meħtieġa*** konsistenza akbar fl-applikazzjoni tal-Artikolu 199a***, madankollu dan m'għandux iwassal*** għal armonizzazzjoni furzata tas-sistemi nazzjonali tal-VAT, iżda ***għandu jiżgura*** trattament aktar ċar u prevedibbli ta' tranżazzjonijiet komparabbli ***ta' riskju*** għoli ***bl-objettiv li jiġu ssimplifikati l-attivitajiet transfruntiera għall-SMEs***;

Or. en

Emenda 67
Herbert Dorfmann, Markus Ferber, Fernando Navarrete Rojas, Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jisħaq li konsistenza akbar fl-applikazzjoni tal-Artikolu 199a ma għandhiex tagħmel ***l-mekkaniżmu*** tar-reverse charge obbligatorju ***jew twassal għal armonizzazzjoni furzata tas-sistemi nazzjonali tal-VAT***, iżda għandha tiżgura trattament aktar ċar u prevedibbli ta' tranżazzjonijiet komparabbli b'riskju għoli;	10. Jisħaq li konsistenza akbar fl-applikazzjoni tal-Artikolu 199a ma għandhiex tagħmel ***il-mekkaniżmu*** tar-reverse charge obbligatorju, iżda għandha tiżgura trattament aktar ċar u prevedibbli ta' tranżazzjonijiet komparabbli b'riskju għoli***, filwaqt li ma teskludix, għal għadd limitat ta' setturi fl-ogħla riskju ta' frodi, applikazzjoni aktar armonizzata***;

Or. en

Emenda 68
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jisħaq li konsistenza akbar fl-applikazzjoni tal-Artikolu 199a ma għandhiex tagħmel l-mekkaniżmu tar-reverse charge obbligatorju ***jew twassal għal armonizzazzjoni furzata tas-sistemi nazzjonali tal-VAT***, iżda għandha tiżgura trattament aktar ċar u prevedibbli ta' tranżazzjonijiet komparabbli b'riskju għoli;	10. Jisħaq li konsistenza akbar fl-applikazzjoni tal-Artikolu 199a ma għandhiex tagħmel l-mekkaniżmu tar-reverse charge obbligatorju, iżda għandha tiżgura trattament aktar ċar u prevedibbli ta' tranżazzjonijiet komparabbli b'riskju għoli;

Or. en

Emenda 69
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jissottolinja li l-isforzi biex tinkiseb konsistenza akbar fil-livell tal-UE jridu jirrispettaw b'mod strett il-prinċipju tas-sussidjarjetà, filwaqt li jippermettu lill-Istati Membri l-flessibbiltà meħtieġa biex jadattaw malajr il-mekkaniżmu tar-reverse charge għal theddid ta' frodi speċifiku u lokalizzat u riskji ta' ekonomija sewda mingħajr ma jistennew bidliet leġiżlattivi fit-tul fil-livell tal-UE;

Or. en

Emenda 70
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni, ***flimkien*** mal-Istati Membri, ***tiċċara l-kamp*** ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet tas-setturi koperti mill-Artikolu 199a ***fejn*** interpretazzjonijiet diverġenti ħolqu inċertezza ***legali***, piżijiet ta' konformità jew opportunitajiet għal frodi;	11. Jistieden lill-Kummissjoni, ***f'konsultazzjoni*** mal-Istati Membri, ***tipproponi kjarifikazzjoni legali tal-kamp*** ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet tas-setturi koperti mill-Artikolu 199a ***peress li*** interpretazzjonijiet diverġenti ħolqu inċertezza ***tad-dritt***, piżijiet ta' konformità jew opportunitajiet għal frodi;

Or. en

Emenda 71
Herbert Dorfmann, Markus Ferber, Fernando Navarrete Rojas, Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet tas-setturi koperti mill-Artikolu 199a fejn interpretazzjonijiet diverġenti ħolqu inċertezza ***legali***, piżijiet ta' konformità jew opportunitajiet għal frodi;	11. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tiċċara ***u taġġorna b'mod regolari*** l-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet tas-setturi koperti mill-Artikolu 199a fejn interpretazzjonijiet diverġenti ħolqu inċertezza ***tad-dritt***, piżijiet ta' konformità jew opportunitajiet għal frodi;

Or. en

Emenda 72
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq li l-armonizzazzjoni minima tal-limiti u d-definizzjonijiet tas-settur

	applikabbli skont l-Artikolu 199a tista' tiżgura li tranżazzjonijiet komparabbli b'riskju għoli jiġu ttrattati b'mod materjalment ekwivalenti madwar l-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, fejn l-evidenza tappoġġja dan, qafas ta' standards minimi komuni għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fis-setturi elenkati fl-Artikolu 199a(1), filwaqt li tippreserva l-kapaċità tal-Istati Membri li japplikaw miżuri aktar iffukati;

Or. en

Emenda 73
Herbert Dorfmann, Markus Ferber, Fernando Navarrete Rojas, Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iqis li għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tranżazzjonijiet ta' valur għoli, mgħaġġla u diġitalizzati, inklużi l-provvista tal-enerġija, il-kwoti tal-emissjonijiet, iċ-ċertifikati tal-enerġija, l-elettronika u l-metalli;	12. Iqis li għandha ***tkompli*** tingħata attenzjoni partikolari lit-tranżazzjonijiet ta' valur għoli, mgħaġġla u diġitalizzati, inklużi l-provvista tal-enerġija, il-kwoti tal-emissjonijiet, iċ-ċertifikati tal-enerġija, l-elettronika u l-metalli; ***jistieden lill-Kummissjoni tiċċara t-trattament tal-VAT taċ-ċertifikati tal-enerġija, inklużi l-garanziji tal-oriġini, li bħalissa għadhom f'żona griża legali li tesponi lill-operaturi għal inċertezza tad-dritt u riskji ta' responsabbiltà;***

Or. en

Emenda 74
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

12. Iqis li għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tranżazzjonijiet ta' valur għoli, ***mgħaġġla*** u diġitalizzati, inklużi l-provvista tal-enerġija, il-kwoti tal-emissjonijiet, iċ-ċertifikati tal-enerġija, l-elettronika ***u l-metalli***;	12. Iqis li għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tranżazzjonijiet ta' valur għoli, ***rapidi*** u diġitalizzati, inklużi l-provvista tal-enerġija, il-kwoti tal-emissjonijiet, iċ-ċertifikati tal-enerġija, l-elettronika***, il-metalli mhux maħduma u nofshom maħduma, il-metalli prezzjużi, u l-komoditajiet agrikoli bħaċ-ċereali u l-għelejjel industrijali, li għadhom suxxettibbli ħafna għall-frodi min-negozjanti neqsin***;

Or. en

Emenda 75
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iqis li għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tranżazzjonijiet ta' valur għoli, mgħaġġla u diġitalizzati, inklużi l-provvista tal-enerġija, il-kwoti tal-emissjonijiet, iċ-ċertifikati tal-enerġija, l-elettronika u l-metalli;	12. Iqis li għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tranżazzjonijiet ta' valur għoli, mgħaġġla u diġitalizzati, inklużi l-provvista tal-enerġija, il-kwoti tal-emissjonijiet ***(b'mod partikolari fil-kuntest tal-Fażi 2 tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet)***, iċ-ċertifikati tal-enerġija, l-elettronika u l-metalli;

Or. en

Emenda 76
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Ifakkar li s-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet kienet il-mezz għal waħda mill-akbar skemi ta' frodi karusell fl-istorja tal-UE, li

wasslet għal telf stmat ta' madwar EUR 5 biljun bejn l-2008 u l-2009, u li dawk l-iskemi ġew eliminati biss wara li d-dannu kien diġà sar; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-vulnerabbiltà preventiva tar-riskju ta' frodi karusell tal-VAT u tal-kriminalità finanzjarja li jaffettwaw it-tranżazzjonijiet ta' krediti tal-karbonju u ta' kwoti skont il-Fażi 2 tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS2) u tipposponi t-tnedija operazzjonali tal-ETS2 jekk ikun hemm riskju għoli ta' tali reati;

Or. en

Emenda 77
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Iwissi li limiti, definizzjonijiet ta' setturi u prattiki ta' implimentazzjoni diverġenti jistgħu jżidu l-kostijiet għan-negozji transfruntiera u joħolqu opportunitajiet għall-frodaturi biex jisfruttaw id-diskrepanzi;	13. Iwissi li limiti, definizzjonijiet ta' setturi u prattiki ta' implimentazzjoni diverġenti jistgħu jżidu l-kostijiet għan-negozji transfruntiera u joħolqu opportunitajiet għall-frodaturi biex jisfruttaw id-diskrepanzi; ***jisħaq fuq l-importanza ta' armonizzazzjoni regolatorja, skambji ta' informazzjoni msaħħa u kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-aġenziji tal-frodi tal-UE fl-indirizzar tar-riskji ta' frodi, evażjoni u evitar tat-taxxa transfruntiera, kif ukoll is-simplifikazzjoni tal-attività ekonomika transfruntiera;***

Or. en

Emenda 78
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Iwissi li limiti, definizzjonijiet ta' setturi u prattiki ta' implimentazzjoni diverġenti jistgħu jżidu l-kostijiet għan-negozji transfruntiera u joħolqu opportunitajiet għall-frodaturi biex jisfruttaw id-diskrepanzi;	13. Iwissi li limiti, definizzjonijiet ta' setturi u prattiki ta' implimentazzjoni diverġenti jistgħu jżidu l-kostijiet għan-negozji transfruntiera u joħolqu opportunitajiet għall-frodaturi biex jisfruttaw id-diskrepanzi; ***jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, fejn xieraq permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni jew gwida, sett komuni ta' limiti u definizzjonijiet tas-settur li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri li jagħmlu użu mill-Artikolu 199a;***

Or. en

Emenda 79
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni takkumpanja kwalunkwe proposta leġiżlattiva li testendi l-Artikolu 199a b'miżuri ta' simplifikazzjoni mmirati bl-għan li jitnaqqsu l-inċertezza tad-dritt u l-kostijiet ta' konformità għan-negozji li joperaw fl-Istati Membri kollha; jisħaq li tali miżuri għandhom jirrispettaw il-kompetenzi tal-Istati Membri fit-tassazzjoni u m'għandhomx jagħmlu l-mekkaniżmu obbligatorju jew jintroduċu armonizzazzjoni lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jitnaqqsu l-arbitraġġ regolatorju u d-duplikazzjoni tal-konformità;

Or. en

Emenda 80
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' gwida addizzjonali dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni permezz tal-Kumitat tal-VAT u, fejn xieraq, noti ***spjegattivi*** tal-Kummissjoni, filwaqt li tiġi evitata kumplessità bla bżonn u jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri ***fil-qasam tat-tassazzjoni***;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' gwida addizzjonali dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni permezz tal-Kumitat tal-VAT u, fejn xieraq, noti ***ta' spjegazzjoni*** tal-Kummissjoni ***u miżuri oħra, sabiex tinkiseb applikazzjoni konsistenti u uniformi tal-kundizzjonijiet għall-mekkaniżmu tar-reverse charge fl-Istati Membri kollha***, filwaqt li tiġi evitata kumplessità bla bżonn u jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri ***fit-tassazzjoni***;

Or. en

Emenda 81
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' gwida addizzjonali dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni permezz tal-Kumitat tal-VAT u, fejn xieraq, noti ***spjegattivi*** tal-Kummissjoni***, filwaqt li tiġi evitata kumplessità bla bżonn u jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni***;	14. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' gwida addizzjonali dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni permezz tal-Kumitat tal-VAT u, fejn xieraq, noti ***ta' spjegazzjoni*** tal-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 82
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissuġġerixxi li l-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida għandu jiġi estiż biss jekk tittejjeb l-operabbiltà tiegħu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 83
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u tipproponi kif il-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida jista' jiġi ssimplifikat u aċċellerat, filwaqt li jinżammu s-salvagwardji;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u tipproponi kif il-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida jista' jiġi ssimplifikat u aċċellerat ***biex isir emerġenza operazzjonalment aktar kredibbli***, filwaqt li jinżammu s-salvagwardji;

Or. en

Emenda 84
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u tipproponi kif il-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida jista' ***jiġi ssimplifikat u aċċellerat***, filwaqt li jinżammu s-salvagwardji;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u tipproponi kif il-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida jista' ***jkun aktar aċċessibbli b'mod operazzjonali***, filwaqt li jinżammu s-salvagwardji;

Or. en

Emenda 85

Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Iqis li din ir-riforma tista' tinkludi ***proċedura ta' attivazzjoni simplifikata,*** mudell ta' notifika standard, rekwiżiti evidenzjarji aktar ċari u artikolazzjoni aħjar tal-proċedura ta' deroga skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva 2006/112/KE;	17. Iqis li din ir-riforma tista' tinkludi mudell ta' notifika standard, rekwiżiti evidenzjarji aktar ċari u artikolazzjoni aħjar tal-proċedura ta' deroga skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva 2006/112/KE;

Or. en

Emenda 86
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq li l-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida (QRM) jista' jaġixxi biss bħala deterrent kredibbli jekk l-Istati Membri jingħataw is-setgħa li jattivawh malajr abbażi tal-intelligence nazzjonali robusta tagħhom stess u t-tfassil awtomatizzat tal-profili tar-riskju, qabel ma tiġi kkawżata ħsara finanzjarja fuq il-baġit nazzjonali li ma tkunx tista' tiġi rkuprata;

Or. en

Emenda 87
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jissottolinja ***li, filwaqt*** li l-	19. Jissottolinja li l-Mekkaniżmu ta'

Mekkaniżmu ta’ Reazzjoni Rapida għandu jibqa’ miżura eċċezzjonali u temporanja limitata għall-indirizzar ta’ riskji serji u għal għarrieda ta’ frodi***, tista’ tiġi kkunsidrata l-estensjoni tal-perjodu ta’ applikazzjoni tiegħu lil hinn mid-disa’ xhur attwali***;	Reazzjoni Rapida għandu jibqa’ miżura eċċezzjonali u temporanja limitata għall-indirizzar ta’ riskji serji u għal għarrieda ta’ frodi;

Or. en

Emenda 88
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jisħaq li kwalunkwe estensjoni jew aġġustament iridu jqisu l-kostijiet tal-konformità għan-negozji, speċjalment għall-SMEs, inklużi l-kostijiet tal-adattament u l-kostijiet li jirriżultaw mill-klassifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet, l-obbligi ta’ rapportar u l-inċertezza ***legali***;	20. Jisħaq li kwalunkwe estensjoni jew aġġustament iridu jqisu l-kostijiet tal-konformità għan-negozji, speċjalment għall-SMEs, inklużi l-kostijiet tal-adattament u l-kostijiet li jirriżultaw mill-klassifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet, l-obbligi ta’ rapportar u l-inċertezza ***tad-dritt***; ***jisħaq b’mod partikolari li l-mekkaniżmu tar-reverse charge, fejn applikat, jittrasferixxi l-obbligi tal-kontabilità tal-VAT kompletament fuq ir-riċevitur, li jista’ jkun intrapriża żgħira jew mikro b’kapaċità amministrattiva limitata; iqis li din l-asimmetrija strutturali trid tiġi riflessa fit-tfassil ta’ kwalunkwe mekkaniżmu estiż jew riformat permezz ta’ mudelli ta’ rapportar simplifikati, gwida ċara dwar il-klassifikazzjoni, u protezzjoni effettiva kontra penali li jirriżultaw minn inċertezza ġenwina dwar il-kamp ta’ applikazzjoni tas-settur;***

Or. en

Emenda 89
Herbert Dorfmann, Markus Ferber, Fernando Navarrete Rojas, Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jisħaq li kwalunkwe estensjoni jew aġġustament iridu jqisu l-kostijiet tal-konformità għan-negozji, speċjalment għall-SMEs, inklużi l-kostijiet tal-adattament u l-kostijiet li jirriżultaw mill-klassifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet, l-obbligi ta' rapportar u l-inċertezza ***legali***;	20. Jisħaq li kwalunkwe estensjoni jew aġġustament iridu jqisu l-kostijiet tal-konformità għan-negozji, speċjalment għall-SMEs, inklużi l-kostijiet tal-adattament u l-kostijiet li jirriżultaw mill-klassifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet, l-obbligi ta' rapportar u l-inċertezza ***tad-dritt***; ***jitlob li dawn il-kostijiet jiġu ddokumentati fuq bażi diżaggregata, filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-piż imġarrab mill-SMEs u dak imġarrab mill-operaturi l-kbar, u jiġu bbilanċjati mat-tnaqqis tal-frodi miksub, sabiex il-proporzjonalità tal-mekkaniżmu tkun tista' tiġi vvalutata b'mod robust;***

Or. en

Emenda 90
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jenfasizza li n-negozji leġittimi m'għandhomx isiru vittmi kollaterali tal-politiki ta' prevenzjoni tal-frodi tal-VAT, u li l-miżuri kontra l-frodi jridu jibqgħu proporzjonati, prevedibbli u fattibbli;	21. Jenfasizza li n-negozji leġittimi m'għandhomx isiru vittmi kollaterali tal-politiki ta' prevenzjoni tal-frodi tal-VAT, u li l-miżuri kontra l-frodi jridu jibqgħu proporzjonati, prevedibbli u fattibbli; ***jirrimarka, barra minn hekk, li meta jiġi applikat b'mod korrett, il-mekkaniżmu tar-reverse charge jaġixxi bħala mekkaniżmu ta' protezzjoni vitali għan-negozji onesti kontra distorsjonijiet severi tas-suq ikkawżati minn kompetituri frawdolenti;***

Or. en

Emenda 91
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jenfasizza ***li n-negozji leġittimi m'għandhomx isiru vittmi kollaterali tal-politiki ta' prevenzjoni tal-frodi tal-VAT, u*** li l-miżuri kontra l-frodi jridu jibqgħu proporzjonati, prevedibbli u fattibbli;	21. Jenfasizza li l-miżuri kontra l-frodi jridu jibqgħu proporzjonati, prevedibbli u fattibbli; ***jisħaq li infurzar subottimali kontra l-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa jagħmel ħsara lill-kundizzjonijiet ekwi, għad-detriment tan-negozji li jikkonformaw mar-rekwiżiti legali;***

Or. en

Emenda 92
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-aspettattivi ta' konformità fir-rigward tal-mekkaniżmu tar-reverse charge jiddistingwu b'mod ċar bejn parteċipazzjoni intenzjonata fi skemi ta' frodi tal-VAT u żbalji amministrattivi mhux intenzjonati magħmula mill-SMEs, filwaqt li jiżguraw li dawn tal-aħħar ma jkunux soġġetti għal miżuri punittivi sproporzjonati;

Or. en

Emenda 93
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jistieden lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa jiffukaw fuq l-identifikazzjoni u l-ħruġ rapidi tar-rifużjonijiet tal-VAT lil negozji ġodda u negozji żgħar leġittimi f'industriji soġġetti għar-reverse charge;	22. Jistieden lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa jiffukaw fuq l-identifikazzjoni u l-ħruġ rapidi tar-rifużjonijiet tal-VAT lil negozji ġodda u negozji żgħar leġittimi f'industriji soġġetti għar-reverse charge; ***jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħaħ il-bini tal-kapaċità fl-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali, kif ukoll l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali li jtejbu l-effettività u l-effiċjenza; jisħaq fuq l-importanza li tiġi approfondita l-kooperazzjoni amministrattiva transfruntiera fi kwistjonijiet tat-taxxa sabiex tissaħħaħ l-identifikazzjoni bikrija tar-riskju ta' frodi, jiġu evitati l-frodi, l-evażjoni u l-evitar, kif ukoll biex jiġu pprovduti rifużjonijiet malajr fejn xieraq;***

Or. en

Emenda 94
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta ż-żmien medju tal-ipproċessar għat-talbiet għal rifużjoni tal-VAT ippreżentati minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju f'setturi soġġetti għall-mekkaniżmu tar-reverse charge fl-Istati Membri kollha; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, meta l-valutazzjoni tiżvela dewmien sproporzjonat, miżuri mmirati biex tiżgura li t-talbiet għal rifużjoni minn tali negozji jiġu pproċessati fi żmien perjodu li ma jaqbiżx it-30 jum mill-preżentazzjoni ta' talba kompluta, f'konformità mal-objettiv li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq operaturi iżgħar;

Or. en

Emenda 95
Roberts Zīle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jenfasizza li t-tranżizzjoni għall-qafas tal-VAT fl-Era Diġitali (ViDA) trid tkun bla xkiel u trid tevita kwalunkwe xenarju fejn in-negozji jkunu mġiegħla jikkonformaw ma' rekwiżiti ta' rapportar diġitali li jikkoinċidu u dokumentazzjoni tradizzjonali tal-mekkaniżmu tar-reverse charge simultanjament għall-istess tranżazzjonijiet, u b'hekk jiġi evitat piż amministrattiv doppju mhux ġustifikat;

Or. en

Emenda 96
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jitlob li, kull sentejn, il-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 199a u 199b; ***f'dan il-kuntest***, jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-impatt ta' dawn l-artikoli fuq it-tnaqqis tal-frodi, il-kostijiet tal-konformità u l-ispostament tal-frodi; jitlob lill-Kummissjoni ***tirrapporta, barra minn hekk***, dwar l-impatt tal-introduzzjoni tal-VAT fl-Era Diġitali fuq l-implimentazzjoni ta' dawn l-artikoli, inkluż jekk il-mekkaniżmu tar-reverse charge hux se jibqa' meħtieġ ladarba jkunu ġew implimentati r-rekwiżiti ta' rapportar diġitali previsti fl-ambitu tal-VAT fl-Era Diġitali;	23. Jitlob li, kull sentejn, il-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 199a u 199b; ***jistieden lill-Kummissjoni**, **fejn tali rapport jidentifika pożijiet sproporzjonati, evidenza insuffiċjenti ta' riskju ta' frodi jew id-disponibbiltà ta' miżuri ugwalment effettivi, tipproponi miżuri li jillimitaw jew jaġġustaw l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge mill-Istati Membri;*** jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-impatt ta' dawn l-artikoli fuq it-tnaqqis tal-frodi, il-kostijiet tal-konformità u l-ispostament tal-frodi; jitlob lill-Kummissjoni ***tipproduċi analiżi komprensiva, sa mhux aktar tard mill-31***

	ta' Diċembru 2030, dwar l-impatt tal-introduzzjoni tal-VAT fl-Era Diġitali fuq l-implimentazzjoni ta' dawn l-artikoli, inkluż jekk il-mekkaniżmu tar-reverse charge hux se jibqa' meħtieġ ladarba jkunu ġew implimentati r-rekwiżiti ta' rapportar diġitali previsti fl-ambitu tal-VAT fl-Era Diġitali; ***iqis li s-sejbiet ta' dan ir-rapport għandhom ikunu l-bażi determinanti għal kwalunkwe deċiżjoni wara l-31 ta' Diċembru 2030;***

Or. en

Emenda 97
Fernando Navarrete Rojas, Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jitlob li, kull sentejn, il-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 199a u 199b; f'dan il-kuntest, jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-impatt ta' dawn l-artikoli fuq it-tnaqqis tal-frodi, il-kostijiet ***tal-konformità*** u l-ispostament tal-frodi; jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta, barra minn hekk, dwar l-impatt tal-introduzzjoni tal-VAT fl-Era Diġitali fuq l-implimentazzjoni ta' dawn l-artikoli, inkluż jekk il-mekkaniżmu tar-reverse charge hux se jibqa' meħtieġ ladarba jkunu ġew implimentati r-rekwiżiti ta' rapportar diġitali previsti fl-ambitu tal-VAT fl-Era Diġitali;	23. Jitlob li, kull sentejn, il-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 199a u 199b; f'dan il-kuntest, jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-impatt ta' dawn l-artikoli fuq it-tnaqqis tal-frodi, il-kostijiet ***ta' konformità*** u l-ispostament tal-frodi***, b'mod partikolari billi tqabbel l-istima tal-frodi tal-VAT evitata mal-kostijiet ta' konformità, b'enfasi partikolari fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)***; jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta, barra minn hekk, dwar l-impatt tal-introduzzjoni tal-VAT fl-Era Diġitali fuq l-implimentazzjoni ta' dawn l-artikoli, inkluż jekk il-mekkaniżmu tar-reverse charge hux se jibqa' meħtieġ ladarba jkunu ġew implimentati r-rekwiżiti ta' rapportar diġitali previsti fl-ambitu tal-VAT fl-Era Diġitali;

Or. en

Emenda 98

Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jitlob li, kull sentejn, il-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 199a u 199b; f'dan il-kuntest, jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-impatt ta' dawn l-artikoli fuq it-tnaqqis tal-frodi, il-kostijiet tal-konformità u l-ispostament tal-frodi; jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta, barra minn hekk, dwar l-impatt tal-introduzzjoni ***tal-VAT fl-Era Diġitali*** fuq l-implimentazzjoni ta' dawn ***l-artikoli, inkluż jekk il-mekkaniżmu tar-reverse charge hux se jibqa' meħtieġ ladarba jkunu ġew implimentati r-rekwiżiti ta' rapportar diġitali previsti fl-ambitu tal-VAT fl-Era Diġitali***;	23. Jitlob li, kull sentejn, il-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 199a u 199b; f'dan il-kuntest, jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-impatt ta' dawn l-artikoli fuq it-tnaqqis tal-frodi, il-kostijiet tal-konformità u l-ispostament tal-frodi; jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta, barra minn hekk, dwar l-impatt tal-introduzzjoni ***ta' ViDA*** fuq l-implimentazzjoni ta' dawn ***l-Artikoli***;

Or. en

Emenda 99
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jitlob li***, kull sentejn, il-Kummissjoni*** tirrapporta lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 199a u 199b; f'dan il-kuntest, jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-impatt ta' dawn l-artikoli fuq it-tnaqqis tal-frodi, il-kostijiet tal-konformità u l-ispostament tal-frodi; jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta, barra minn hekk, dwar l-impatt tal-introduzzjoni tal-VAT fl-Era Diġitali fuq l-implimentazzjoni ta' dawn l-artikoli, inkluż jekk il-mekkaniżmu tar-reverse charge hux se jibqa' meħtieġ ladarba jkunu ġew implimentati r-rekwiżiti	23. Jitlob li ***l-Kummissjoni*** tirrapporta lill-Parlament u lill-Kunsill ***kull sentejn*** dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 199a u 199b ***filwaqt li tiżgura li l-valutazzjonijiet ikunu komparabbli fl-Istati Membri kollha u maż-żmien***; f'dan il-kuntest, jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-impatt ta' dawn l-artikoli fuq it-tnaqqis tal-frodi, il-kostijiet tal-konformità u l-ispostament tal-frodi; jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta, barra minn hekk, dwar l-impatt tal-introduzzjoni tal-VAT fl-Era Diġitali fuq l-implimentazzjoni ta' dawn l-artikoli, inkluż jekk il-

ta’ rapportar diġitali previsti fl-ambitu tal-VAT fl-Era Diġitali;	mekkaniżmu tar-reverse charge hux se jibqa’ meħtieġ ladarba jkunu ġew implimentati r-rekwiżiti ta’ rapportar diġitali previsti fl-ambitu tal-VAT fl-Era Diġitali;

Or. en

Emenda 100
Ľudovít Ódor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jistieden lill-Kummissjoni tikkondividi l-aħjar prattiki biex tindirizza l-frodi persistenti fis-settur tan-negozjanti żgħar, li tikkontribwixxi b’mod konsiderevoli għall-frodi ġenerali tal-VAT;

Or. en

Emenda 101
Bruno Gonçalves, Jonás Fernández, Evelyn Regner, Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jappella għal skambju ta’ informazzjoni ***aktar b’saħħtu*** bejn l-Istati Membri, l-Eurofisc ***u l-Kummissjoni, u, fejn legalment xieraq,*** mal-UPPE u mal-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi, sabiex jiġu identifikati xejriet emerġenti ta’ frodi u effetti ta’ spostament;	24. Jappella għal skambju ta’ informazzjoni ***komprensiv u sistematiku*** bejn l-Istati Membri, l-Eurofisc***, il-Kummissjoni, u*** mal-UPPE u mal-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi, sabiex jiġu identifikati xejriet emerġenti ta’ frodi u effetti ta’ spostament;

Or. en